# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 1 ta' Ġunju 2021**

**Talba Nru: 350/18 JG**
**Numru fuq il-lista: 2**

**GO p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Dr. Simon Micallef Stafrace nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta' l-interessi ta' Alieurope Management Jet Ltd (C676730) b'digriet tal-31 ta' Ottubru 2019.**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-27 ta' Lulju 2018, permezz ta' liema, is-soċjetá attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta' elf, seba' mija u ħdax-il Ewro u ħamsa u

għoxrin ċenteżmu (€1711.25) rappreżentanti servizzi mogħtija kif aħjar deskritti fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali 374/17 u l-imgħaxijiet;[1]

Ra d-dokumenti annessi ma l-Avviż tat-Talba;

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal diversament presedut fejn kien laqa' t-talba sabiex jiġi nominat u jinħatar kuratur deputat[2];

Ra r-risposta tal-kuratur deputat tramite liema laqa għal din l-azzjoni b'eċċezzjoni fejn ingħad li m'huwiex edott bil-fatti u għalhekk irriżerva li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri[3];

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[4];

Sema x-xhieda ta' Maryanne Camilleri[5] u ħa konjizzjoni tad-dokumenti eżebiti minnha;

Ra wkoll d-dokumenti eżebiti mill-kuratur deputat li juru li huwa ttanta jespleta l-inkarigu tiegħu u dan billi eżebixxa diversi tentattivi ta' korrispondenza mas-soċjetá konvenuta[6];

Ra l-atti proċesswali kollha;

---

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] Digriet tal-21 ta' Ottubru 2019.
[3] A fol 42 *et seq.*
[4] A fol 43.
[5] A fol 45 *et seq.*
[6] A fol 48 *et seq.* B'hekk il-kuratur deputat wera' li qeda fedelment dak rikjest fl-artikolu 936(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidra;**

Illi t-Tribunal iqis li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala dak sottomess mir-rappreżentant tas-soċjetá attriċi m'għandux jitwemmen, u dan ukoll wara analiżi tad-dokumenti ppreżentati[7] u b'hekk sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-talba. Ukoll, l-ammont mitlub huwa korroborat u jikkombaċja ma' dak mitlub fl-Avviż. In oltre, jirriżulta mill-istess dokumenti li kienu saru xi pagamenti mis-soċjetá konvenuta, u dan fil-perjodu mertu ta' din it-Talba. It-Tribunal għalhekk huwa aktar u aktar konvint li dan id-debitu huwa dovut, anke in omaġġ tal-fatt li kull pagament jippreżumi dejn[8].

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta' elf, seba' mija u ħdax-il Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€1,711.25) bl-imgħax legali mit-8 ta' Marzu 2017[9] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u dawk tal-ittri uffiċjali bin-numru 374/17[10] jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetá konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

[7] Dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba.

[8] Artikolu 1147(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[9] L-ittra uffiċjali jidher li ġiet fil-fatt notifikata. Għalkemm ma hemmx it-timbru tad-data ta' notifika, ittieħdet id-data indikata ta' meta sar it-timbru. Dan jemerġi *a tergo* ta' fol 8 ta' Marzu 2017.

[10] Din l-ittra ġiet ippreżentata u hija mmarkata bħala Dok C a fol 11 tal-proċess.